# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU, MALTA. No. 96 10.11.2004



## Il-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti f'Malta

**Fra Ġuzepp Beneditt Xuereb OFM jikteb riflessjoni dwar dak li ntqal fil-Kungress.**

*Ara paġni 14-16*

# IL-PM IŻUR L-ISQFIJIET FIL-LIBYA

Matul iż-żjara li l-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi għamel dan l-aħħar fi Tripli huwa ltaqa' ma' Mons. Giovanni Martinelli, OFM, Vigarju Apostoliku ta' Tripli kif ukoll ma' Mons. Sylvester Magro, OFM, Vigarju Apostoliku ta' Benghazi.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm Fra John Muscat, OFM kif ukoll Dun Daniel Farrugia, qassis djoċesan li ilu jagħmel xogħol pastorali fi Tripli għal dawn l-aħħar 7 snin. Dr. Gonzi ltaqa' wkoll mas-sorijiet Maltin fi ħdan il-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesu'. Dawn is-sorijiet jassistu fit-tmexxija ta' Dar El Hadana li tiġbor fiha għadd ta' tfal orfni.



Dr Gonzi kien akkumpanjat minn Dr Tonio Borg, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dr Richard Vella Laurenti, l-Ambaxxatur Malti fi Tripli, u mis-Sur Edgar Galea Curmi, kap tas-Segretarjat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Mons. Martineli spjega lill-Prim Ministru dwar il-ħidma pastorali ti tagħmel il-Knisja Kattolika fi Tripli li tinsab f'Dahra u esprima s-sodisfazzjon u l-apprezzament tiegħu għall-għajnuna li l-Knisja Maltija tagħtih permezz ta' saċerdoti Maltin li joffru biex jaħdmu għall-komunita' kattolika fil-Libya.

*Prim Ministru Lawrence Gonzi (ċentru) ma', mix-xellug, Fr Farrugia, Dr Borg, Mgr Martinelli, Mgr Magro, Dr Vella Laurenti u P. John Muscat*

## Ottavo Centenario dalla Fondazione dell'Ordine dei Frati Minori 1209 - 2009

# DECRETO

il Definitorio Generale, nella sessione del 22 Settembre 2004, ha stabilito la nomina dei frati che faranno parte della Segreteria e del gruppo di Liturgia per la celebrazione del Capitolo Generale Straordinario da celebrarsi nel mese di Settembre 2006, come parte delle celebrazioni dell'Ottavo Centenario dalla Fondazione dell'Ordine dei Frati Minori. Con la presente perciò, nomino Membri della Segreteria e anche del gruppo Liturgico, i seguenti confratelli:

| | | |
|---|---|---|
| **Segretario:** | | |
| Fr. Miran Spelic | Prov. S. Croce | SLOVENIA |
| **Membri:** | | |
| Fr. Miguel De La Mata Merayo | Prov. S. Giacomo | SPAGNA |
| Fr. Gianpaolo Masotti | Prov. Serafica, S. Francesco | ITALIA |
| Fr. Michael Moore | Prov. S. Francesco Solano | ARGENTINA |
| Fr. Andres Ranoa | Prov. S. Giovanni Battista | FILIPPINE |
| Fr. Joseph M Legonou | Prov. Verbo Incarnato | TOGO |
| **Liturgia:** | | |
| Fr. Rubén Tierrablanca | Prov. Ss. Pietro e Paolo | MESSICO |
| Fr. Sean Collins | Prov. Irlanda | IRLANDA |
| Fr. Vittorio Viola | Prov. Serafico, S. Francesco | ITALIA |
| Fr. Paolo Canali | Prov. S. Carlo Borromeo | ITALIA |
| **Economo:** | | |
| Fr. Renato Beretta | Prov. S. Carlo | ITALIA |

Il Signore benedica il nostro lavoro a favore dell'Ordine, della Chiesa e di tutti gli uomini amati dal Signore.

Dato a Roma,
Curia Generalizia, 28 Settembre 2004.





Fr. José Rodréguez Carballo, OFM
Ministro Generale

Fr. Sandro Overend Rigillo, OFM
Segretario Generale

Prot. 094916

# Homily for the Solemnity of St. Francis at the Porziuncola 4th October 2004

"Let us rejoice in the Lord
in the solemnity of our Seraphic Father St. Francis,
may the angels rejoice with us
and praise the Son of God in chorus"

Dear Sisters and Brothers, I greet you with joy, wishing you all "health and true peace in the Lord" as we remember in exultation, here in the very site of the event, the blessed day in which "Francis, poor and humble, entered heaven rich, honoured with celestial songs" (Gospel acclamation).

We therefore accept the invitation which comes from the liturgy of this day of festival, by tasting the joy which the Poverello tasted at the moment in which "all the mysteries of Christ were fulfilled in him, and he happily flew off to God" (2Cel 217).

This is the joy that springs from the memory of the Saints. They remain the masterpiece of the "multiform grace of God", in whom we recover the admirable initiative of the love of the Father who, in Christ, brings man back to the sanctity of his origins (cf. Roman Missal, Preface of Holy Virgins and Religious Saints).

**1. The joy of salvation**
The reason for true joy, or of "complete joy" as Jesus says (Jn 15,11), is shown to us by the Lord Himself in the Gospel just proclaimed.

In the "Gospel of the poor", in fact, Jesus raises up a hymn of jubilation to the Father because He had revealed the mystery of the Kingdom to the humble and poor, while he hid it from "the learned and clever".

Francis belongs to the "little and least" people and the Master revealed the secrets of His heart to him. The "Poverello" knows loved One and, therefore, glorifies "with the ineffable jubilation of his spirit" (Preface) Him who revealed to him his salvation.

Our joy, like that of the Seraphic Father, is a consequence, therefore, of the amorous and saving will of the Father for each person.

"The Most High, Almighty, Good Lord" who entered into solidarity with us through the Son, assures us once again that there is not an iota of human history or of the personal events of each person which are not marked by the obstinate desire of the Father for the good of His creatures.

The great revelation of the saving project of God provokes exultation of heart because "God has visited and redeemed His people" (Lk 1, 68), revealing Himself to those who have pure eyes and heart.

**2. St. Francis, singer of Paschal joy**
The path that leads to jubilation of heart passes through the gift of self. The grain that dies unleashes life and the salt consumed give taste.

The joy of the Lord necessarily places us in full communion of love with Him, the source of joy, and with the brothers and sisters to whom we wish to give our humble and generous service so that for them also the joy may be complete and lasting.

Francis is the Saint of perfect joy, but he is also the Christian who made his own life into a radical offering to God to be truly, in this way, a servant to the Friars and therefore an artificer of peace, reconciliation and fraternity.

Accepting the project that the Lord revealed to him through the voice of Clare and Br. Sylvester, Francis lived the joy of belonging to God, never forgetting, however, the Friars in whom he re-discovered the face of the Crucified.

There is no greater joy, in fact, than that which is tested in living for others, being totally disposed and joyously ready to serve.



In imitation of the divine Master, who is offered to us in the Gospel as a model of humility and self-giving, guaranteeing us the fullness of messianic happiness, the humble Francis becomes “the poor man who enriches the world”, opening up to the society of his difficult times new paths of hope and universal brotherhood.

The recent decision of the Italian Parliament to celebrate each year, on the day of the Feast of St. Francis, a special “Day for dialogue and peace” is significant, almost making current and urgent the message of ‘peace and good’ which the Poverello embodied in his life and never tires of proposing to the people of the third millennium who are thirsty for justice and love.

**3. Constructing a future of peace**

Our world, marked by divisions, violence, loneliness and a culture of death, needs a profound reconciliation which would lead it to live in peace and joy.

The men and women of today need the serene presence and pacifying word of true witnesses to love, who are engaged in the construction of peace and are capable of showing the paths of authentic communion.

We Franciscans, in particular, have been chosen to be “witnesses of light” (2Cel 155) in the world. Our General Chapter of 2003, celebrated here at the Porziuncola, invited us to be signs of hope and prophets in the present-day world “through giving testimony to reconciliation in Christ beyond all fractures”. The Friars Minor, accepting their inheritance from St. Francis, propose to be attentive to the signs of the times and to the grave problems of the historical moment we are living, announcing to people the Gospel of peace and salvation and imitating the meekness and humility of the Lord.

But I also think of all the consecrated people who are chosen through the love of the Father to be, through their faithfulness and the enthusiasm with which they live their vocation, sentinels of the morning at the dawn of this new millennium.

I also remember the innumerable ranks of the laity who, in the daily commitment to a life that is not always easy, truly love God and dedicate themselves in silence to their weaker brothers and sisters, sowing joy and serenity in hearts, just as the divine Master assures all those who are tired and oppressed.

I look with admiration at the numerous groups of young people who, from Italy and the world, converge on the Porziuncola for the Assisi feast of Pardon and on many other occasions, to draw, from the heart of the Queen of Angels and from her faithful servant Francis, renewed fervour of spirit and to place in her hands their commitment to be bearers of life and hope to a world that waits to be regenerated by their dynamism and courage.

Moved, I thank the Holy Father John Paul II and all the Pastors who came as pilgrims to Assisi, inviting us to be “people impassioned by Christ and the Gospel, people of unceasing prayer and joyful witnesses to a radical choice for the Kingdom of Heaven” (Message to the General Chapter 2003)

It is in this way that true joy is nourished in the heart, that joy which is drawn from the source of the Saviour and which is strength and support for human weakness.

May our Saint help us to open up with simplicity to the mystery of salvation, which Jesus reveals to us even today, by submerging ourselves in His Paschal Mystery which is now made present on the alter and helps us to be poor and happy, serene and strong, joyful and full of hope, going forth with confidence towards the fullness of life and joy.

And “may the God of hope bring you such joy and peace in your faith that the power of the Holy Spirit will remove all bounds to hope” (Rom 15,13) and every good work.
Amen!

Fr. José Rodréguez Carballo, OFM
Minister General

**Il-liżar u l-ingwent fil-qabar baqgħu...**
**Imma Hu ħareġ ħaj!**

# SANT' ANJEŻE MINN ASSISI
## *Tfajla ta' kuraġġ kbir u determinazzjoni*

**Sr. Marie Carmel Saliba OSC**

***Bejn Ħadd il-Palm tas-sena 2003 u l-11 ta' Awissu 2004, aħna s-Sorijiet Klarissi flimkien mal-Familja Franġiskana tfajna l-ħarsa tagħna fuq Santa Klara ta' Assisi peress li konna qed niċċelebraw is-750 sena mill-mewt tagħha. F'din il-kitba ser in ħarsu lejn oħtha, Sant' Anjeże minn Assisi, li bħal Klara mietet 751 sena ilu, fis-16 ta' Novembru 1253. Anjeże kienet l-ewwel sieħba ta' oħtha fl-esperjenza ġdida ta' l-għixien tal-ħajja evanġelika u magħha protagonista fit-trawwim tat-tieni Ordni Franġiskan.***

**Il-Familja ta' Anjeże u tfulitha**

Sant' Anjeże twieldet f'Assisi fl-1197 minn ġenituri nobbli. Il-familja tagħha kienet toqgħod f'palazz ħdejn il-kattidral ta' San Rufino. Missierha kien kavallier għani jismu Favarone di Offreduccio u ommha Ortolana kienet ukoll minn familja nobbli u għanja. Hija kienet il-fustanija fost tliet aħwa bniet. Il-kbira, Klara, kienet tliet snin ikbar minnha. O ħtha ż-żgħira kien jisimha Beatrice. Fil-magħmudija lil Anjeże semmewha Katarina.

Katarina kienet tifla sempliċi u sensibbli li fiċ-ċkunitha ġarrbet mal-familja tagħha t-tbatija kkaġunata mill-irvell li fl-1198, iċ-ċittadini tal-klassi tan-nofs ta' Assisi (il-'*minores*') għamlu kontra l-aristokrazija ta' Assisi (l-'*maiores*'). Il-familja ta' Anjeże kellha ssib kenn fil-kastell ta' Cocorano u meta fl-1202 faqqgħet il-gwerra bejn Assisi u Perugia, kellha ta ħrab għal Perugia fejn għexu refuġjati għand ħbieb ta' fiduċja sas-sena 1205.

Fil-gwerra bejn Assisi u Perugia, Franġisku Bernardone kien waqa' priġunier għal sena u aktar tard, wara marda, ikkonverta u minn ġuvni xalatur b'ambizzjoni li jsir kavallier, huwa beda jgħix ħajja ta' sempliċita' u faqar fuq il-passi ta' Kristu fqir, umli u msallab. Dlonk ingħaqdu miegħu f'dan l-istil ta' ħajja evanġelika uħud minn sħabu stess, fosthom Rufino, kuġin ta' Klara u Katarina. Fl-1209, din l-għamla ta' ħajja ta' Franġisku u l-ewwel kumpanji tiegħu ġiet approvata oralment mill-Papa Innoċenz III.

**Żgħożitha**

Katarina kienet marbuta ma' oħtha Klara b'imħabba kbira. It-tnejn kienu jaqblu ħafna u jaħsbuha l-istess. Hija kellha 15-il sena meta fit-18 ta' Marzu 1212, Klara ħarbet mid-dar biex tħaddan il-ħajja evanġelika fuq l-eżempju ta' Franġisku ta' Assisi. Fil-'*Leġġenda ta' Santa Klara*' *( nru 24)* naqraw li Klara kienet tixtieq ħafna li oħtha tifhem il-frugħa tad-dinja u bħala tingħata lil Alla u kienet titlob bil-ħerqa 'li bħalma hi u oħtha kienu qalb waħda u qrib ħafna fl-ispirtu meta kienu fid-dinja, ikunu wkoll rieda waħda bejniethom fis-servizz ta' Alla'.

**Katarina tingħaqad ma' oħtha Klara**

Xi 16-il jum wara, fl-4 ta' April 1212, Katarina marret tara lil oħtha f'monasteru tal-Benedittini jismu Sant'Angelo di Panzo, qrib Assisi, fin-naħa ta' lvant ta' Monte Subasio, fejn kienet sabet kenn temporanju. Klara qaltilha: 'Ftakar, għażiża oħti li jum wieħed fit-tempju tal-Mulej, aħjar minn elf jum f'post ieħor (ara Salm 83,10) . Iż-żgħożija u s-sbuħija jgħibu. Il-ħajja tintemm u hawn xejn ma jibqa'. Għażiża oħti, kieku kellek idduq il-ħlewwa ta' l-imħabba tal-Mulej ! Hija mħabba dejjem ġdida, li ħadd ma jista' jeħodilna !'

Il-kliem u l-eżempju ta' Klara ħajjru lil Katarina biex hi wkoll tikkonsagra ruħha lil Alla. Infatti, Katarina qalet lil Klara li hi ġiet biex toqgħod magħha għax hi wkoll xtaqet taqdi lil Alla biss. Għal dan il-kliem Klara għannqitha bil-ferħ waqt li qaltilha: 'Inrodd ħajr lil Alla, oħti l-aktar għażiża, għax il-Mulej għoġbu jisma' talbi'. U hekk Klara akkwistat l-

ewwel kumpanja tagħha.

**Katarina tirresisti lill-familja tagħha**

Fil-'*Leggenda ta' Santa Klara' nmr 25 u 26* insibu rakkont dwar kif malli l-familja ndunat bil-ħarba ta' Katarina, tnax il-raġel armati taħt it-tmexxija ta' zijuha Monaldo, marru għaliha. Sabuha barra mill-klawsura u għalhekk setgħu jerfgħu idejhom fuqha. Kaxkruha ma' l-art, qattgħulha ħwejjiġha u sawtuha. Klara ma setgħet tagħmel xejn ħlief titlob imbikkija biex oħtha tingħata rieda sħiħa, u biex il-qawwa ta' Alla tegħleb is-saħħa ta' dawk l-irġiel. U hawn ġara miraklu doppju. F'daqqa waħda, il-ġisem tat-tfajla sar hekk tqil li dawk l-irġiel kollha ma felħux ikaxkruha aktar. Għalhekk l-irġiel ħallewha filwaqt li bdew jisħtu u jgħidu li kielet iċ-ċomb ! Iz-ziju Monaldo tilef il-kontroll u kif kien ser ixejjrilha daqqa, ħass uġigħ kbir fi driegħu li baqa' paralizzat u merfugħ fl-arja. Klara fl-aħħar ipperswadiet lil qraba tagħha iħallu lil oħtha magħha.

Fil-bażilka ta' Santa Klara f'Assisi hemm meqjum il-fdal tal-kranju (għadam ta' l-iskutella tar-ras) ta' Katarina, u f'dan il-fdal għadha tidher traċċa ta' daqqa li kienet qalgħet mis-suldati kiefra meta marru għaliha f'Sant'Angelo di Panzo.



Wara din il-ġrajja, Franġisku nnifsu qata' xagħar Katarina, ikkonsagraha lil Alla u bidel l-isem tat-tfajla minn Katarina għal Anjeże. Dan għaliex Franġisku xebbaħha mal-Ħaruf bla tebgħa peress li hi wkoll xerrdet demmha biex tmur warajh fit-taqbida li kellha ma' qrabatha. Tixbaħ wkoll lill-verġni u martri Rumana Anjeże li fl-ewwel żminijiet tal-Knisja tat ħajjitha għal Kristu.

**Fil-kunventin ta' San Damjan**

Tul l-erba' xhur li Klara u Anjeże damu f'Sant'Angelo di Panzo, Franġisku ħejja kollox biex jeħodhom f'kunventin tipikament Franġiskan, f'San Damjan, barra l-ħitan tal-belt ta' Assisi. F'dak il-post, fl-1206 kien kellmu Ġesu' Msallab u mimli b'faraġ tas-sema, ħass li kellu jitlaq id-dinja għal kollox. Ftit taż-żmien wara, waqt li kien qed isewwi l-knisja beda jsejjaħ b'leħen għoli bl-ilsien franċiż lill-bdiewa li kienu jinsabu f'dawk l-inħawi: 'Ejjew u għinuni nibni l-monasteru ta' San Damjan, għaliex għad jiġu joqgħodu fih nisa li bil-fama u bil-ħajja qaddisa tagħhom għad jagħtu glorja lill-Missier tas-sema fil-Knisja mqaddsa kollha tiegħu'. Din il-profezija seħħet meta Klara u Anjeże daħlu f'dak il-post fqir. Tfajliet ħbieb u qraba, u xebbiet oħra li bosta minnhom kienu nobbli ngħaqdu magħhom f'San Damjan u l-komunita' kompliet tikber b'mod ta' l-għaġeb. Fl-1229, Beatrice, oħthom iż-żgħira ħaddnet il-ħajja evanġelika. Saħansitra, ommhom Ortolona, meta romlot, daħlet soru f'San Damjan. Fi żmien qasir saru komunita' ta' ħamsin. Twaqqfu wkoll monasteri oħra f'diversi postijiet fl-Italja u anke fi Franza, Spanja, fil-belt ta' Praga, il-Ġermanja, il-Polonja... Anjeże baqgħet f'San Damjan sas-sena 1220 meta Franġisku bag ħatha twaqqaf monasteru f'Monticelli, ħdejn Firenze (ara '*Il-Fjuretti ta' San Franġisk', Kap XV).* Waqqfet monasteri oħra tax-Xbejbiet Foqra f'Mantova, fil-Feltrino u postijiet oħra fit-Toscana u forsi aktar 'l bogħod... u reġgħet lura f'San Damjan matul l-aħħar ġimgħat tal-ħajja ta' oħtha Klara, f'Lulju-Awissu 1253.

Fil-Proċess tal-Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara, Anjeże tissemma' f'żewġ episodji li ġraw qabel it-tluq tagħha għal Monticelli. Fir-rakkont tal-miraklu taż-żejt fil-ġarra mwettaq minn Klara li ġara fl-1213 (ara Pro`. I, 15), l-ewwel xhud Pacifica di Guelfuccio meta

mitluba tgħid liema mis-Sorijiet l-oħra kienu preżenti, fost l-oħrajn issemmi lil Swor Anjeże, oħt Santa Klara. Sr Cecilia, is-sitt xhud, meta kienet qed tixhed dwar l-ispirtu tal-profezija li kellha Klara, tgħid 'li oħtha Swor Anjeże - li ftit taż-żmien ilu għaddiet minn din il-ħajja - kienet hemm, tisma'.' (ara Pro`,VI, 15).

Xhieda oħra tas-snin li fihom Anjeże għexet ma' Klara f'San Damjan insibuha fil-'*Fjuretti ta' San Franġisk' nmr 33* li jirrakkontaw il-ġrajja meta l-Papa Girgor IX mar iżur lil Klara u din bierket il-ħobż u minnufih fuq il-ħbejżiet kollha deher is-sinjal tas-salib. 'F'dak iż-żmien f'dak il-monasteru kienu jgħixu Sor Ortolana, omm Santa Klara, u Sor Anjeże, o ħtha, it-tnejn li huma, flimkien ma' Santa Klara, mimlijin bil-virtujiet u bl-Ispirtu s-Santu, u kien hemm ukoll ħafna Sorijiet oħra qaddisa'.

**'*Altera Clara*' - Klara oħra**

Għal ħabta ta' l-1220, il-Kardinal Ugolino, li wara sar il-Papa Girgor IX, kiteb ittra lil Klara li hija xhieda ta' l-istima profonda li kellu għal Klara u għal Anjeże u għall-'qaddejja l-oħra ta' Kristu' u tal-fiduċja kbira li kellu fit-talb tagħhom. Ugolino xtaq jerġa' jara lil Klara u lil ħutha s-Sorijiet; u jiftakar b'mod speċjali f'Anjeże, li magħha juri rabta qawwija meta jsejħilha 'oħtu'. 'Insellem lil verġni Anjeże, oħti, u lil ħutek kollha fi Kristu'. Lil Anjeż e isejħilha wkoll 'qaddejja umli u l-iżjed ċkejkna ta' Kristu'.

Aktar minn tletin sena wara, fl-1253, fir-raba' ittra tagħha lil Santa Anjeże ta' Praga, Klara stess tqis lil Anjeże oħtha daqsha u tikteb hekk: ' Dawn l-istess uliedi imbagħad, imma b'mod partikulari l-verġni l-aktar għaqlija, Anjeże, oħtna, jirrikmandaw ruħhom bil-qawwa kollha fil-Mulej lilek u lil uliedek.'

Il-fatt li Franġisku għażel lil Anjeże bħala 'l-mibgħuta speċjali' biex twaqqaf monasteru f'Monticelli, Firenze, juri li Franġisku wkoll kellu stima kbira għall-personalita' u l-kwalitajiet li kienu jżejnu lil Anjeże. Bħal oħtha kienet animata minn ideali evanġeliċi li għexithom b'xeħta u qawwa ġdida.

**Pellegrina għall-imħabba ta' Kristu**

Għall-imħabba ta' Kristu, Anjeże aċċettat li tmur Monticelli biex bħala Badessa tkun eżempju ħaj għal grupp ta' xebbiet żgħażagħ li xtaqu jgħixu l-istess stil ta' ħajja ta' Klara u ħutha f'San Damjan. Imma l-firda minn oħtha Klara, mis-sorijiet u mill-'benniena ' tagħha f'San Damjan swietilha sagrifiċċju mill-akbar lil Anjeże. Dan jidher mill-ittra li kitbet lil Klara li fiha stqarritilha: 'Irridek tkun taf, għażiża ommi, li għalija l-firda minnek u mis-sorijiet l-oħra li jien kont nemmen li se ngħix u mmut magħhom, hi piena kbira għall-aħħar; inħoss niket kbir f'ruħi u f'ġismi.... u b'danakollu hawn qed inġarrab faraġ kbir u ħaqqkom tifirħuli tassew. Firdiet bejnietna m'hawnx, u hawn sibt għaqda tal-għaġeb, aktar milli ħsibt li hu possibbli. Kollha laqgħuni b'ferħ kbir u huma kuntenti ħafna bija kollha kemm huma wegħduni l-ubbidjenza bl-akbar qima.'

**Spirtu missjunarju**

Minkejja d-distanzi, Anjeże u ħutha f'Monticelli kienu jħossuhom ġisem wieħed u spirtu wieħed fi Kristu ma' Klara u s-Sorijiet f'San Damjan, Assisi. Kull fejn marret twaqqaf monasteru, Anjeże xerrdet Vanġelu ħaj bil-ħajja siekta, sempliċi u serena tagħha. Dan l-ispirtu missjunarju li ta frott kotran kien imsoqqi minn ġewwa b'ħajja interjuri li ħjiel tagħha nsibuha fil-'*Vita Agnetis*' li hemm imdaħħla fil-'*Kronaka ta' l-24 Ġeneral*'.

**Il-Ħajja Nterjuri ta' Anjeże**

Tul ħajjitha kollha Anjeże rawwmet b'imħabba sinċiera tliet devozzjonijiet partikulari:
L-ewwelnett kellha devozzjoni lejn il-Missier, li kienet tikkontemplaħ fil-ħniena bla tarf tiegħU, fid-delikatezza lejn uliedu li huma tant ingrati lejĦ u tant bierda u ndifferenti għall-imħabba paterna tiegħU.

ta' ħajjitha, anke dawk esterni li għamlu ħoss, f'adorazzjoni bla heda tar-rieda ta' Alla. Fil-ferħ u fil-għejja ta' kuljum, fil-paċi u fit-taqbid, fid-dawl u fid-dlam interjuri, għexet marbuta mar-rieda ta' Alla f'isem il-fiduċja bla limiti f'Alla ta' dawk li huma żgħar u foqra, kbar u għonja, għas-Saltna tas-Sema.

**Il-mewt ta' Anjeże**

F'Lulju jew Awissu 1253, Anjeże marret lura f'San Damjan u kienet imbikkija qrib oħtha Klara meta din kienet qed tmut. Imma Klara qaltilha: 'Ja oħt l-aktar għażiża, Alla jogħġbu li jiena nitlaq, iżda int tibqax tibki, għax dalwaqt tiġi tgħaġġel warajja għand il-Mulej.' (ara *'Leġġenda ta' Santa Klara, nmr 43).* Skond l-istess *'Leġġenda' fin-numru 48* insibu: 'Ftit jiem wara (l-mewt ta' Klara fil-11 ta' Awissu 1253) Anjeże wkoll ġiet imsejħa għat-Tieġ tal-Ħaruf, u marret wara oħtha Klara fil-ferħ ta' dejjem: hemm it-tnejn li huma bniet ta' Sijon, aħwa bid-demm, bil-grazzja u bis-saltna, ifaħħru lil Alla bla heda'. X'aktarx li Anjeże mietet fis-27 ta' Awissu 1253 imma skond it-tradizzjoni mietet tliet xhur wara fis-16 ta' Novembru 1253.

Anjeże ndifnet fis-*sepolcretto* ta' San Damjan u fis-sena 1260 il-fdalijiet tagħha ġew meħuda fil-Bażilika ta' Santa Klara f'Assisi, u mqiegħda f'kappella ddedikata lilha. Il-Papa Benedittu XIV iddikjara lil Anjeże qaddisa fl-1752, imma l-kult tagħha f'Assisi hu ħafna eqdem, u jixhdu għalih il-mirakli li saru bl-interċessjoni tagħha u li huma mniżżlin fil-*'Vita Agnetis'*. Fil-Bażilka ta' Santa Klara wieħed jista' jara x-xena tal-mewt tal-qaddisa f'affresk ta' Puccio Capanna (skola ta' Giotto), li fiha Anjeże tidher għarkupptejha fuq il-ġisem mejjet ta' oħtha Klara. It-tifkira ta' Santa Anjeże ssir fis-19 ta' Novembru.

**Riferenzi**

'Saluta la vergine Agnese, mia Sorella'- kitba ta' Sr Giovanna Casagrande OSC
Silenziosa portatrice di Cristo - kitba ta' Sr Chiara Lucia Garzonio OSC
Franġiskani Veri - P Noel Muscat OFM (Ed TAU 1987)
Ir-rivista Porziuncola-Agosto-Sett 2003-Chiara d'Assisi nel cuore del mondo
Klara ta' Assisi - Għejun Medjevali dwar ħajjitha (Ed TAU 1993)
Klara t'Assisi - il-mara ġdida - P Gwido Schembri OFM (Ed TAU 1992)
Il-Kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara (Ed TAU 1986)
Il-Fjuretti ta' San Franġisk ( Ed TAU 1990)

# MEETING

## OFM PROVINCES OF NORTH - WEST EUROPE

## Porziuncola Retreat House

## Baħar iċ-Ċagħaq

## November 2005

Province of the Martyrs of Gorcom, Netherlands
Province of St. Joseph, Belgium
Province of the Three Comapanions, France/Belgium
Province of Blessed Pacificus, West France
Province of the Immaculate Conception BVM, Great Britain
Province of Ireland
Province of St. Paul the Apostle, Malta

# Congregavit nos in unum Christi Amor

Ġesu lilna għażilna biex "inkunu miegħu". Lilna saċerdoti jħobbna b'qalbu kollha. Hu jixtieq li aħna nifthulu qalbna beraħ, u nirreċiprokawlu din l-imħabba li għandu għalina, "ħbieb", mhux "qaddejja" tiegħu. Waqt li jridna nkunu magħqudin miegħu bħal frieghi mad-dielja, jifthilna għajnejna bit-twissija: "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn".

Fis-snin ta' wara l-Konċilju, mijiet ta' saċerdoti abbandunaw il-ħajja saċerdotali, bi ħsara għalihom infushom, u bi skandlu għall-ħafna "Christifideles". X'kienet ir-raġuni ewlenija? Ħa nisimgħu lis-soċjologu Burgalissi li għamel ħafna intervisti ma' għadd kbir ta' ex-saċerdoti:

Le risposte degli interessati (sacerdoti) forniscono una importante e forse non del tutto inattesa conclusione: *l-abbandono del sacerdozio e' stata la consegwenza soprattutto di due carenze di ordine spirituale:*

- l'abbandono della preghiera (95%)
- la mancanza di pace interiore per l'ambiguita' spirituale e morale in cui l-interessato viveva (85%). Gli ex-sacerdoti non hanno difficolta' ad ammettere che la loro decisione *e' stata la logica conclusione di uno stato che durava da tempo (*causa remota*) ed in cui si erano allenati od offievoliti i normali mezzi di aiuto spirituale.*

Ilkoll nafu kemm il-Q.T. il-Papa ħa ħsiebna matul il-pontifikat tiegħu l-aktar bl-ittri li kull sena. U issa tana rigal akbar: l-enċiklika Ecclesia de Eucaristia. Fiha jgħidilna:

> Kemm hi ħaġa sabiħa nersqu lejn Ġesu Ewkaristija u bħad-dixxiplu l-maħbub inserrħu rasna fuq qalbu biex ixerred fuqna l-imħabba bla qjies ta' qalbu! Jekk irridu li fi żminijietna r-reliġjon nisranija tidher fid-dawl kollu tagħha, l-iżjed permezz tal-"ħila tat-talb", min ma jħossx il-bżonn li nerġgħu nibdew ngħaddu xi ħin f'taħdita spiritwali, f'adorazzjoni siekta u b'sentiment t' mħabba quddiem Kristu preżenti fis-sagrament imqaddes ta' l-altar? Dan jien nagħmlu sikwit, għeżież ħuti, u dejjem inħoss lil Kristu jqawwini u jfarraġni u jgħinni. (n.25)

Smajna lil Card. Murphy O'Connor jgħidilna f'San Ġwann:

> "Dear friends, these are not easy times to be a priest.. The challenges that face us today are very great. I believe we should never be discouraged and always understand our identity as configured to Jesus who is the exemplar for us all".

La sejħilna, Ġesu għandu fiduċja fina. Jaf sewwa bid-diffikultajiet ta' kull wieħed minna, u x-xewqat li hemm f'qalbna. Kien għalhekk li tana garanzija bil-miktub: "Ara, Jien magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien". U għandu għalina stedina miftuħa: "Ejjew għandi.. u Jiena nfarraġkom". Nirrifjuaw?

Tafu kemm hawn Lajċi li qed jitolbu li fil-parroċċi jkollhom il-possibilita' li jagħmlu Adorazzjoni fit-tul barra l-Quddiesa li qatt ma jfallu. U dan spiss jagħmluh b'sagrifiċċji personali. Imma għax japprezzaw dan ir-Rigal, jafu jsibu ħin biex ikunu mal-Mulej, jiddjalogaw miegħu. Żgur li l-eżempju u l-kelma tagħna jkunulhom ta' inkoraġġiment kbir fil-mixja tagħhom wara Ġesu. Fl-istess ħin aħna nitħeġġu mill-eżempju tagħhom.

Il-Kungress Internazzjonali fakkarna li għandna nkunu mhux biss ministri ta' Alla li nieħdu bis-serjeta l-qdusija tagħna, imma wkoll inkunu "forgiatori di santi per il nuovo

millennio"  - fuq il-passi ta' San Pawl..

Ġesu u l-Knisja mhumiex jitolbu minna l-impossibli. Meta nagħmlu l-parti tagħna, Alla ma jonqosx li jagħtina bil-kotra l-grazzji tiegħu. Ejjew għalhekk nirrevedu sewwa l-prijoritajiet tagħna, u nagħtu preferenza lill-Mulej, qabel ix-xogħol li nagħmlu għalih. L-apostolat għandu jkun "contemplata aliis tradere".

Mela, insibu ħafna aktar ħin għall-Adorazzjoni milli ngħaddu quddiem it-TV, il-qari tal-ġurnali, it-telefonati, ecc. Għax aħna ħbieb tiegħu, Ġesu jrid ikellem lil qalbna. Jalla nisimgħuh, ħalli niksbu l-għajnuna biex  nisimgħu minnu.

Fl-Ittra Apostolika "Mane nobiscum Domine", jgħidilna:

"L'Adorazione eucaristica fuori della Messa diventi, durante questo anno, un impegno speciale  per le singole comunita' parrocchiali e religiose. Restiamo prostrati a lungo davanti a Ġesu presente nell'Eucaristia, riparando con la nostra fede e il nostro amore le trascuratezze, le dimenticanze e persino gli oltraggi che il nostro Salvatore deve subire in tante parti del mondo" (n. 18).

Ħuti saċerdoti, żgur li nixtiequ nagħmlu dak li tant ħeġġitna għalih il B. Madre Tereża ta' Calcutta: "Make your lives something beautiful for God". San Pawl jgħidilna li kien dak li kien bil-grazzja ta' Alla. Dik l-istess grazzja qegħda għad-diżpożizzjoni tagżna llum ukoll, jekk ma "nilqgħuhiex fil-fieragħ". Jekk Ġesu jridna "inkunu pefetti kif perfett hu l-Missier tag]na li hu fis-smewwiet", żgur mhux se jonqos li jagħtina bil-kotra l-għajnuniet li tant għandna bżonn.

Ippermettuli nagħlaq bl-eżortazzjoni li San Franġisk għamel lis-saċerdoti:

Ħuti, isimgħuni: jekk il-Verġni Mbierka hi tant meqjuma, u hekk jixirqilha li tkun, għax hi ġarritu fil-ġuf qaddis tagħha; jekk il-Battista ħassu jirtogħod u ma kellux il-kuraġġ li jmiss ir-ras qaddisa ta' Alla; jekk inqimu daqstant il-qabar li fih kien imqiegħed għal xi żmien: kemm għandu jkun qaddis, gust u denn dak li jilqa' f'idejh, jirċievi f'fommu u f'qalbu, u jagħti lill-oħrajna biex jirċievu,  mhux aktar lil Dak li se jmut, imma li hu rebbieħ u gglorifikat għal dejjem, u li l-anġli jixxenqu jħarsu lejh. Qisu d-dinjita tagħkom, o ħuti saċerdoti, u kunu qaddisin għax Hu nnifsu hu qaddis. U bħalma lilkom il-Mulej Alla, minħabba f'dan il-ministeru li Hu fdalkom, qiemkom fuq kulħadd, hekk ukoll intom għandkom tħobbuh, tqimuh u tagħtuh ġieħ fuq kulħadd. Tkun ħasra kbir u dgħufija ta' min jistmerrha li, waqt li jkollkom Lilu preżenti fostkom, tħallu ħsibijietkom jehdew f'xi ħaġa oħra li hawn fid-dinja, kienet liema kienet".(Ittra lill-Ordni kollu, n. 106).

## EJJEW NITOLBU

***… għall-ħutna li ħallewna***

- Fra Ġuzepp Micallef li ngħaqad mas-Saċerdot Etern
- Alosia Galea, oħt Fra Kerubin Galea, li bdiet tistrieħ fis-sliem ta' dejjem

***… għall-ħutna l-morda u nagħmlu l-ħin biex inżuruhom***

- Fra Alex Borg u Filomena Muscat, omm Fra John li jinsabu l-isptar San Luqa
- Missier Fra Stephen Magro li jinsab ma jiflahx
- Lorenzo Galea, hu Fra Kerubin li jinsab ukoll marid
- Fra Nerik Cassar u Fra Arturu Azzopardi u Fra Guido Schembri li jinsabu fid-Dar tal-Kleru Christus Sacerdos.

"Iltqajtu f'Malta, gzira li ghadha sal-lum thaddan b'mod haj iz-zjara li ghamel l-Appostlu San Pawl" qal il-Papa Gwanni Pawlu II lis-sacerdoti kollha li attendew-f'pajjizna ghall-Kungress Internazzjonali tas-Sacerdoti.

F'diskors meqjus li ghamel il-Papa mis-Sala tal-Koncistorju tal-Palazz Appostoliku fil-Vatikan u mxandar permezz ta' kollegament dirett audio-viziv fis-Sala tal-Mediterran ghall-Konferenzi ghal habta tal-11.00 a.m, il-Papa tkellem fuq l-importanza tas-sacerdoti fid-dinja tal-lum.



Il-Papa li deher ghajjien hafna u xi mindaqqiet deher jaqta' nifsu wkoll tant li kull ma qara kien biss il-bidu u tmiem tad-diskors, qal fost l-ohrajn li "f'dinja kollha inkwiet u maqsuma, mifnija bil-vjolenza u konflitti, hemm min jistaqsi jekk hux possibbli iktar li titkellem fuq it-tama. Imma huwa proprju f'dan il-hin indispensabbli li ghandna nuru b'kuragg il-veru tama tal-bniedem, li huwa Alla," qal il-Papa.

Il-Papa Gwanni Pawlu II fil-waqt li sellem lis-sacerdoti prezenti kollha u l-komunitajiet kollha li gejjin minnhom, qara wkoll parti mill-Vangelu ta' San Luqa (Luqa 2,20) u kwota frazi minn dak li qal San Pawl. "Gejt imsallab ma' Kristu u mhux iktar jien li qieghed nghix, imma Kristu li jghix fija".

Fuq din il-frazi ta' San Pawl, il-Papa qal li kull sacerdot li huwa msejjah ghall-Providenza qaddisa biex jghin lill-irgiel u n-nisa, iz-zghazagh u l-adulti biex isegwi l-passi mqaddsa ta' Kristu, jista' jaghraf fi kliem Pawlu, it-triq tieghu. "Il-Knisja ghandha bzonn qassisin li huma qaddisin u li jkunu l-qaddisin tal-millenju l-gdid" qal il-Papa.

Il-Papa qalilhom ukoll li l-Mulej qieghed jistedinhom biex ikunu l-appostli tieghu, l-ewwel u qabel kollox bil-qdusija ta' hajjithom. "Jiddependi minnkom li twasslu l-verità tal-kelma tal-Vangelu kullimkien ghax hija din biss li tista' tbiddel il-qalb tal-bniedem u tatih paci," tenna l-Papa.

F'dan id-diskors, il-Papa ma naqasx milli jitkellem fuq il-Vergni mbierka Marija li tat id-disponibilità kollha taghha biex titwettaq ir-rieda divina. Huwa rrefera wkoll ghal meta Kristu fuq is-Salib ta lil San Gwann lil Marija bhala ommu. "Minn dak in-nhar Marija saret ommna lkoll u b'mod specjali taghkom is-sacerdoti biex tkun maghkom fi triqtkom kull gurnata".

Huwa talabhom ukoll biex iduru lejha fil-Ministeru taghhom. "Il-Vergni Marija tghinkom biex tipprezentaw lit-tfal u liz-zghazagh, lill-familji u lill-morda, lill-imprendituri, lill-intelletwali u lill-politici, il-frott imqaddes ta' sidirha, il-Kristu Redentur u l-qawmien tieghu. J'Alla kulhadd jilqghu, ihobbu u jkun fidil tieghu sa tmiem l-ezistenza tieghu," temm jghid il-Papa.

Fi tmiem diskorsu, il-Papa bierek lis-sacerdoti kollha li min-naha taghhom laqghu b'capcipa twila l-benedizzjoni tieghu.



Nhar l-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2004 saret laqgħa ta' tħejjija għaż-Żjara Franġiskana f'Porziuncola Retreat House, Baħar iċ-Ċagħaq. Numru sabiħ ta' patrijiet ħadu sehem għal din il-laqgħa li bidet b'mument ta' talb fil-kappella.
Wara saret diskussjoni bejn l-Aħwa dwar il-programm li tħejja għal matul il-ġimgħa taż-Zjara franġiskana fil-Parroċċa ta' Bormla.
Il-koordinatur ta' attivita franġskana hija ta' Fra Marcello Ghirlando OFM

# Żjara Franġiskana









## MISTIEDEN MILL-ISTITUT BIBLIKU TA' KONG KONG

Fra Marcello Ghirlando, OFM ġie mistieden biex jirraprezenta d-Dekan ta' l-Istudium Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalem, Fra G. Caludio Bottini, OFM, fiċ-ċerimonaja tal-gradwazjoni u l-għoti tad-diplomi f' The Hong Kong Catholic Biblical Institute li se ssir nhar il-Ħadd, 12 ta' Diċembru 2004, fil-kappella ta' Sant' Injazju. L-isqof Mons. Joseph Zen, S.D.B. se jippresidi l-Ewkaristija qabel iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni.

# Programm Żjara Franġiskana – Bormla

**15 – 21 Novembru 2004**

### 150 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tat-Tnissil bla tebgħa ta' Marija Immakulata

### Sena Ewkaristika – 2004-2005

Kuljum mis-7.30am sal-5.00pm: Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja ta' San Pawl. Ikun hemm Patri Franġiskan preżenti għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Fil-5.00pm Rużarju, Barka u Quddiesa bl-Omelija fuq l-Ewkaristija.

Il-Patrijiet Franġiskani jkunu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni fil-Knisja Parrokkjali, kull meta din tkun miftuħa, mit-Tnejn filgħaxija sal-Ħadd filgħodu.

Il-Patrijiet Franġiskani ser iqaddsu quddiesa fid-djar tal-morda jew anzjani kuljum filgħodu.

Matul iż-Żjara Franġiskana il-Patrijiet Franġiskani ser iżuru l-familji li jgħixu fil-Housing Estate madwar San Ġwann t'Għuxa. Patri ser idur il-familji li jixtiequ jew jeħtieġu xi talba partikulari.

Il-Patrijiet Franġiskani ser janimaw u jkunu preżenti f'dawn il-laqgħat li jsiru fil-parroċċa:
It-Tnejn 15 ta' Novembru: Laqgħa mat-tfal tal-Katekiżmu fl-4.15pm (Bniet - Ċentru Sagra Familja), Museum tal-Bniet fil-5.00pm, Museum tas-Subien fil-5.30pm u fis-6.30pm. 8.00pm: Laqgħa maż-żgħażagħ

It-Tlieta 16 ta' Novembru: 5.00pm: Laqgħa mal-Legion of Mary. 6.30pm: Laqgħa mal-Grupp ta' l-Adoloxxenti.

L-Erbgħa 17 ta' Novembru: 9.00am: Laqgħa man-Nisa ta' l-Azzjoni Kattolika. 7.00pm: Laqgħa flimkien mal-Grupp Kariżmatiku. 8.00pm: Laqgħa taż-Żgħażagħ flimkien mal-Gifra (Żgħażagħ Franġiskani).

Il-Ħamis 18 ta' Novembru: 9.00am: Qrar fl-Iskola. 10.00am: Quddiesa fil-Malta Shipyards. 11.00am: Programm Marjan fuq Radju Tliet Ibliet. Filgħaxija Qrar qabel il-ħruġ tal-Vara ta' Marija Immakulata.

Il-Ġimgħa 19 ta' Novembru: 9.15am: Quddiesa fl-Iskola. 10.00am: Quddiesa fil-Malta Shipyards. Laqgħa mat-tfal tal-Katekiżmu fl-4.15pm (Bniet - Ċentru Sagra Familja), Museum tal-Bniet fil-5.00pm, Museum tas-Subien fil-5.30pm u fis-6.30pm. Filgħaxija Quddiesa tat-Tifkira tal-Pellegrinaġġ.

Is-Sibt 20 ta' Novembru: 9.00am: Laqgħa ma' l-Abbatini. Filgħaxija: Pellegrinaġġ bl-Istatwa ta' l-Immakulata.

Il-Ħadd 21 ta' Novembru: Quddies fil-Parroċċa – 7.00am, 8.00am u 11.45am. Fil-Knisja ta' San Pawl – 8.15am. F'San Tumas – 8.30am.

***Ara wkoll l-ittra lil kull familja f'Bormla f'pagna 19***

**Il-Postulant Joseph Ciappara jikteb dwar**

# L-esperjenza fil-Fraternità ta' Fonte Colombo u f'Assisi

Kienet esperjenza sabiha hafna li ma ser ninsiha qatt. Is-sena ta' qabel kont ga mort Assisi u zort is-santwarji kollha, biss din id-darba kienet ferm differenti. Din id-darba flimkien ma' Walter u Patri Anton kellna l-opportunità li nghixu mill- qrib mall-komunitajiet hemm prezenti.

L-ewwel esperjenza taghna fi fraternità kienet f'Fonte Colombo nhar is-6 ta' Lulju. Biex wasalna Rieti kienet bicca ugieh ta ras gmiela. F'Ruma l-ewwel ma' titghallem hu kemm huma inkonvenjenti il-famuzi 'scioperi' Kien hemm strajk tal-Mezzi pubblici u b'hekk spiccajna bla trasport. Tat-taxies biss hadmu . Hallasna biz-zalza u biex taqghad il-pulman ghal-Rieti kienu ukoll bl-istrajk. Kellna nistennew saghtejn shah fl-istazzjon biex niehdu l-ferrovija u wara saghtejn u nofs , fl-ahhar wasalna Rieti. Il-Komunità mill-ewwel laqghatna tajjeb hafna, fil fatt biex tlajna minn Rieti ghas-santwarju gie novizz ghalina. Ap-parti s-semplicità akkoljenti tal-post, il-komunità sabieha ta' hdax il-novizz u erbgha patrijiet gelitna mill-ewwel inhossu ruhna 'at home'. Kienet akkoljenza tajba hafna, denja ta' l-isem Frangiskana, haga li l-quddiem rajnieha fil-fraternitajiet kollha!

Integrajna ruhna tajjeb hafna mill-ewwel, tlabna mal-komunità, kilna flimkien u fl-ghaxijiet qattajniehom maghhom , nitkellmu fil-gnien sabieh taghhom. In-Novizzi milli stajna naraw kellhom programm mimli daqs bajda. Fil-ghodu talb, quddiesa, meditazzjoni, kolazzjon, imbaghad sa nofsinhar lezzjonijiet ta' formazzjoni. F'nofsinhar, Ufficju tal-qari imbaghad l-ikel. Wara l-ikel hin ta' mistrieh u fit-tlieta u nofs l-Ora Media. Minn hemm il-quddiem sas-seba' ta' filghaxija kulhadd ghall-hidma fil-kunvent, min jiknes il-knisja, min inaddaf gewwa, min isajjar ghal fl-ghaxija, min fil-gnien, u min l-ghada, imissu ir-relazzjoni, jistudja. Fis-sebgha l-ghasar u wara meditazzjoni ohra sat-tmienja, ikel, rikreazzjoni sa l-ghaxra imbaghad kulhadd ghall-irqad. Il-Gwardjan, patri Domenico kien qalbu tad-deheb. L-Erbgha fil-ghaxija dawwarna is-santwarji kollha tal-Valle Reatina, sal-Faggio ta' San Frangisk hadna, avolja kien hemm bicca triq mhux hazin. Il-Hamis fil-ghaxija mbaghad, morna Greccio fejn Patri Anton iltaqa' ma habib antik tieghu, gwardjan tal-post. Bis-sahha t'hekk iccelebrajna l-ewkaristija fil-grotta flimkien ma zewg sorijiet Klarissi. F'esperjenzi bhal dawn, is-sabieh hu li tiltaqa ma persuni godda, tghamel hbieb godda, issir taf aktar ahwa f'San Frangisk. Haga li tolqtok hi d-diversità tal-karattri, kulhadd differenti minn haddiehor, imma fl-istess hin kulhadd familja wahda, unità fid-diversità.

Il-Gimgha, filghodu kmieni kellna nhallu dik il-komunità biex irhejniela lejn Assisi. Ghalkemm allogjajna Le Stouie xorta wahda kellna esperjenzi mall-komunitajiet ta'Assisi. Fil fatt is-Sibt irhejniela ghall- 'La Verna'. Il-vjagg kien twil ghax hadna l-isbah tlett sighat, imma hadna pjacir. Hemmhekk ghamilna konoxxenza mal-komunità kbira li hemm. Ghal darba ohra l-patrijiet laqghuna tajjeb hafna, kilna maghhom, ghaddejna ftit hin maghhom, u wara nofs inhar hadna sehem fil-purcissjoni flimkien lejn il-kapella tal- Istimmati.

Il-Hadd morna ghall- quddies San Damjan u l-patrijiet mill-ewwel stiednuna biex nisimghuha mill-kor man-novizzi ta' hemmhekk. Dak inhar stednuna ukoll ghall- ikel pero' dak inhar fil-ghaxija kellhom xi konferenza u ghalhekk iddecidejna li mmorru t-Tnejn fil-ghaxija. Laqghuna tajjeb ferm, fill-fatt Patri Giuseppe, il-gwardjan tal-post dawwarna kullimkien, sahansitra dahhalna f'postijiet fejn rarament jidhlu l-pellegrini, peress li hemmhekk ghandhom il-hazna ta' l-antikitajiet.

Esperjenza ohra mall-patrijiet kienet f'Ruma, il-Kurja Generali ta' l-Ordni. Hemmhekk iltqajna ma Patri Sandro Overend u waqt l-ikel iltqajna ma' Patri Gwann Abela. Bhal dejjem laqtitni hafna l-armonija li biha jahdmu l-patrijiet, kullhadd fuq xogholu fi hdan il-kunvent, waqt li fl-istess hin hemm komunikazzjoni kontinwa, haga li taghmel possibli l-armonija me-htiega u tant difficli, meta tirrealizza li hemm l'fuq minn erbghin patri ta kull nazzjonalità Assisi kont digà mort is-sena l-ohra, biss din id-darba kienet unika. Qabel xejn ghamilt konoxxenza ma hafna patrijiet, it-tieni rajt stil ta' hajja differenti. Il-hajja tal-patrijiet hemmhekk hi donnha aktar kwieta, ghalkemm dan forsi ghax ma tantx kien hemm pellegrini. Haga li laqtitni kienet li, f'postijiet bhal dawn irrealizzajt kemm il-moviment Frangiskan hu kbir u mxerred mad-dinja. Kull fejn morna, sew f'Ruma, sew f'Assisi ltqajna mall-patrijiet. Sahansitra fl-istazzjon ta' Termini iltqajna ma' patri li kien student ma patri Anton.

Nispicca billi nesprimi l-opinjoni tieghi li wara li ghexna mall-patrijiet, tlabna flimkien u hdimna flimkien, l-iskop ewlieni ta din il-mawra gewwa Assisi ntlahaq ferm tajjeb.

---

# ITTRA LIL KULL FAMILJA F'BORMLA

*Għeżież Ħbieb ta' Bormla,*
*aħna ulied San Franġisk, li bejn il-15 u l-21 ta' Novembru ser nagħmlu Żjara fil-belt tagħkom.*

*Aħna ġejjin għandkom biex niltaqgħu magħkom: fil-Knejjes tagħkom, fiċ-Ċentri tagħkom, fid-djar tagħkom biex inxandrulkom messaġġ ta' SLIEM.*

*Dan ser nagħmluh għax hekk titlob minna s-sejħa franġiskana li aħna ħaddanna. Aħna rridu nkunu strumenti u xandara tal-Paċi fost il-poplu tagħna. Dan hu dak li nixtiequ nagħmlu magħkom aħna u naqsmu flimkien id-devozzjoni tagħna lejn Marija Santissima Immakulata. U dan f'għeluq il-150 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata.*

*Aħna ċerti li intom ma tonqsux li tieħdu sehem attiv f'dawn l-attivitajiet li ser isiru fil-Parroċċa tagħkom. Ser inkunu għad-disposizzjoni tagħkom matul din il-ġimgħa u nemmnu li ser tilqgħu b'grazzja din iż-żjara tagħna fostkom. Niltaqgħu! Nifthu qalbna għall-grazzji li l-Mulej irid jagħtina matul din il-ġimgħa bl-interċessjoni tal-Verġni Immakulata.*

*Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!*

*Il-Patrijiet Franġiskani.*

**FRA SEBASTIAN JIRRINGRAZZJA LILL-FRATERNITA' TA' TAS-SLIEMA**

Fra Sebastian Camilleri OFM jixtieq jirringrazzja lill-Aħwa kollha, b'mod speċjali lill-fraternita' ta' tas-Sliema għall-akkoljenza u l-ospitalita' li rċieva matul il-ħmistax il-ġurnata li għadda f'Malta. Huwa jieħu l-opportunita' biex jirringrazzja wkoll lill-Aħwa li hemm fid-Dar tal-Kleru.

# OĦTNA L-MEWT IŻŻURNA MILL-ĠDID

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru ngħatat l-aħħar tislima lill-ħuna Fra Ġuzepp Micallef, OFM, li miet waqt li kien qiegħed iqassam l-Ewkaristija lill-anżjani u lill-morda tal-parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, tas-Sliema. F'knisja maħnuqa bin-nies, kif ukoll 42 saċerdot tal-provinċja u saċerdoti oħra, il-Ministru Provinċjal mexxa l-quddiesa konċelebrata.







FRANCISCAN FRIARS
PROVINCE OF ST. PAUL THE APOSTLE MALTA
ofm.org.mt

## FESTI U BIRTHDAYS NOVEMBRU

11 Fra Martin Coleiro
15 Fra Albert Micallef
26 Fra Leo M. Ciantar

01 Fra Stephen Sciberras
09 Fra Martin Coleiro
14 Fra Julian Sammut
17 Fra Christopher Farrugia
18 Fra Victor Camilleri
19 Fra Ivo Tonna
20 Fra Vincenz Galea
28 Fra Ġwann Schranz

## BACK FROM ASSISI



Fr. Charles Wickman is back from a three month period of ministry at the Basilica of Saint Mary of the Angels in Assisi. Fr. Charles is a member of the Gozo fraternity. Every year he is invited by the Franciscan friars of Assisi to give a period of ministry as a confessor in the Basilica of Saint Mary of the Angels. His service is well appreciated by the fraternity, particularly in a period where there are many pilgrims who visit the Basilica, especially on the occasion of the Porziuncola Indulgence on 2nd August. Fr. Charles is also working on an interesting publication of his World War II memories when he was a young boy in Ghajnsielem, Gozo. His memoirs will be published by the Ghajnsielem Local Council.

## JIRRITORNA WKOLL FRA ALBERT

Fra Albert Micallef, OFM riċentement irritorna minn Ruma wara li ta servizz bħala penitenzier fil-bazilka tal-Lateran. Fra Albert kien ilu minn Lulju jwettaq din il-ħidma pastorali.

**FRA JOHN MUSCAT, OFM** jinsab f'Malta minħabba saħħet ommu. F'dawn l-aħħar ġimgħat huwa ta s-servizz Tripli. Huwa se jiritorna l-Libya u se jagħti s-servizz tiegħu f'Benghazi fi zmien il-Milied.

## FRA NOEL MUSCAT JINSAB ĠERUSALEM

Fra Noel Muscat, OFM irritorna mill-ġdid Ġerusalemm wara li ta diversi lectures dwar l-Għejun Franġiskani fil-Franciscan International Study Centre f'Canterbury. Fra Noel huwa Segretarju għall-Formazzjoni u Studji fl-Art Imqaddsa.

## F' DIN IL-ĦARĠA

### Ottubru 2004


| | |
|---|---|
| Digriet tal-Ministru Ġeneral | 2 |
| Omelija tal-Ministru Ġeneral | 3 |
| Sant' Anjeze minn Assisi | 6 |
| Kungress tas-Saċerdoti | 10 |
| Zjara Franġiskana f'Bormla | 13 |
| Programm taz-Zjara | 14 |
| Esperjenza f'Fonte Colombo | 15 |
| Oħtna l-mewt izzurna | 17 |


L-AĦBAR

EDITUR

fra marcellino micallef ofm
provofm@vol.net.mt

Kunvent Tal-Fran;iskani
291, Triq San Pawl,
Valletta VLT 07

Tel. 21238218 Fax. 21231266